# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**Magistrat**

**Dr Rachel Montebello B.A. LL.D.**

**Rikors Nru.: 237/17 RM**

**Elmo Insurance Limited (C-3500)**

**vs**

**Saviour Camilleri u Anthony Scicluna**

**Illum, 25 ta' Marzu 2021**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors prezentat mis-socjeta' Elmo Insurance Limited fil-25 ta' Awissu, 2017 fejn talbet lil din l-Onorabbli Qorti:-

*Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu s-somma komplessiva ta' tmint elef hames mija u tnejn u disghin Ewro u tmienja u tletin centezmu (€8,592.38) rapprezentanti danni, imghax, spejjez gudizzjarji u VAT li ghalihom ghamlet tajjeb is-socjeta' attrici versu r-rikorrenti fl-arbitragg fl-ismijiet "Middlesea Insurance plc et vs Elmo Insurance Limited et" (M1145/2007) kif kienet kostretta u obbligata taghmel a tenur tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta fil-vesti taghha ta' assikuratrici tal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni IBJ 358.*

Rat illi s-socjeta` attrici, fir-rikors taghha, ippremettiet ukoll illi:-

*... fil-11 ta' Marzu 2006, fi Triq il-Kanun, Sta. Venera, il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni IBJ 358, assikurata mis-socjeta' attrici, sfat involuta f'incident awtomobilistiku fejn habtet mal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni ABM 446, li kienet ipparkjata, appartjenenti lil terzi.*

*Fuq l-iskorta tal-fatti u cirkostanzi tal-incident, is-socjeta' attrici nvokat il-contract of sale clause inserita fil-polza ta' assikurazzjoni li l-istess socjeta' kienet harget fir-rigward tal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni IBJ 358 u dan peress li qabel l-imsemmi incident kien hemm transfer of interest tal-istess vettura mill-intimat Saviour Camilleri a favur l-intimat Anthony Scicluna bla ma l-mittenti kienet taf b'dan u allura bla ma sar l-appositu endorsement tal-polza. Per konsegwenza, l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni IBJ 358 ma kellhiex kopertura assikurattiva fil-gurnata tal-imsemmi incident.*

*Ghaldaqstant u in vista tal-premess, il-konvenuti kienu prekluzi milli jinvokaw l-istess polza sabiex ikopru kull dritt jew obbligu naxxenti mill-imsemmi incident. Dan premess, is-socjeta' mittenti ma setghetx ma thallasx lit-terz izda dan fid-dawl tal-lodo arbitrali tal-20 ta' Marzu 2012, "salv kull dritt u/jew azzjoni si et quatenur kontra l-intimat u l-kjamat fil-kawza".*

*Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-13 ta' Gunju 2016 a tenur tal-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u bl-imghax legali b'effett mit-13 ta' Gunju 2016 sad-data tal-effettiv pagament kontra l-konvenuti li huma minn issa stess ingunti ghas-subizzjoni.*

Rat ir-risposta tal-konvenuti pprezentata fir-registru ta' din il-Qorti nhar is-6 ta' Novembru 2017 fejn ressqu s-segwenti eccezzjonijiet:-

1. *Illi preliminarjament, it-talbiet attrici huma preskritti ai termini tal-Artikolu 2153 u tal-Artikolu 2156 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

2. *Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, filwaqt li huwa minnu li fil-hin ta' l-incident il-vettura kienet fil-pussess tal-intimat Anthony Scicluna, fil-verita' il-vettura kienet ghadha tghajjat lill-intimat Saviour Camilleri peress li ma kienet saret l-ebda registrazzjoni u "change of ownership" formali mal-awtoritajiet kompetenti. Konsegwentement fil-hin tal-incident ma kien sar l-ebda 'transfer of interest' u ma kien hemm l-ebda ksur tal-polza.*

3. *Illi in oltre', is-socjeta' rikorrenti qatt ma hadet xi passi ghall-kancellament tal-polza u ghalhekk il-polza kienet ghadha vigenti u tkopri r-riskji fil-hin tal-incident.*

4. *Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, anke jekk ghall-grazzja tal-argument din l-Onorabbli Qorti jidhrilha li kien hemm 'transfer of interest', kwalsiasi nuqqas tal-assikurat ma kien tal-ebda pregudizzju ghas-socjeta' attrici u ma jwassalx ghar-rezoluzzjoni tal-polza billi din kienet tkopri kull sewwieq ta' 'l fuq minn 25 sena;*

5. *Illi minghajr pregudizzju ghal-premess, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici.*

6. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

Rat is-sentenza moghtija fit-8 ta' Novembru 2018 fejn cahdet l-ewwel eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenuti fir-Risposta taghhom;

Semghet ix-xhieda u rat il-provi kollha;

Rat l-atti kollha;

Rat in-nota ta' sottomissjonijietipprezentata mis-socjeta` attrici fil-11 ta' Jannar 2021 in ottemperanza mad-digrieti moghtija fl-10 ta' Marzu 2020 u fit-2 ta' Novembru 2020;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ipprezentata mill-konvenuti fit-18 ta' Jannar 2021 in ottemperanza mad-digriet moghti waqt is-seduta tal-11 ta' Jannar 2021;

Rat illi fl-istess seduta tal-11 ta' Jannar 2021, il-partijiet qablu illi l-kawza tista' tithalla ghas-sentenza in difett ta' ostakolu;

Rat illi l-kawza giet imhollija ghal-lum ghas-sentenza u rat ukoll illi ma hemm l-ebda impediment sabiex s-sentenza tinghata llum stess;

Ikkunsidrat;

Illi wara li l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenuti fir-Risposta taghhom giet michuda bis-sentenza tat-8 ta' Novembru 2018, il-Qorti sejra tghaddi biex tistharreg it-talba attrici f'din il-kawza u jekk din hijiex fondata fid-dawl tal-eccezzjonijiet fil-mertu sollevati mill-istess konvenuti.

Illi s-socjeta` attrici talbet illi l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu somma determinata ta' flus konsistenti *inter alia* f'dawk id-danni, imghax u spejjez li allegatament giet kostretta thallas in linea mal-obbligi taghha taht il-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta bhala assiguratrici tal-vettura IBJ-358, bis-sahha tal-*lodo* arbitrali moghti fit-12 ta' Marzu 2012 fil-proceduri ta' arbitragg fl-ismijiet *Middlesea Insurance plc et vs Elmo Insurance Limited et* [M1145/2007].

Illi l-fatti relevanti, kif jemergu mill-provi u l-atti processwali, huma s-segwenti:-

- Illi s-socjeta` attrici harget polza ta' assigurazzjoni fuq bazi *third party fire and theft* fir-rigward tal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni IBJ-358 proprjeta` tal-konvenut Saviour Camilleri[1], ghall-perijodu ta' validita` mill-14 ta' Ottubru 2005 sat-30 ta' Settembru 2006;
- Illi fil-11 ta' Marzu 2006, cioe` fil-perijodu li fih il-vettura in kwistjoni kellha tkun koperta bil-polza mahruga mis-socjeta` attrici, il-vettura IBJ-358 kienet involuta f'incident mal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni ABM-446 appartenenti lil terzi, fi Triq il-Kanun Santa Venera;
- Illi s-socjeta` attrici saret taf li l-vettura minnha assigurata kienet involuta fl-incident tal-11 ta' Marzu 2006, ghall-habta ta' April 2006[2] meta rceviet korrispondenza fir-rigward minghand il-kumpannija tal-assikurazzjoni tal-vettura ABM-446, Middle Sea Insurance plc;
- Fid-9 ta' Awwissu 2006 il-konvenut Saviour Camilleri ghamel dikjarazzjoni guramentata li huwa kien biegh[3] il-vettura IBJ-358 lil Anthony Scicluna fid-9 ta' Marzu 2006, cioe` jumejn qabel l-incident in kwistjoni;
- Illi fil-proceduri ta' arbitragg [M1145/2007] fl-ismijiet *Middlesea Insurance plc et vs Elmo Insurance Limited et* dwar ir-responsabbilita` ghall-incident awtomobilistiku tal-11 ta' Marzu 2006, liema proceduri gew istitwiti fil-konfront tas-socjeta` attrici odjerna kif ukoll fil-konfront tal-konvenuti odjerni, l-istess socjeta` attrici allura intimata invokat il-*contract of sale clause* fil-polza ta' assigurazzjoni in kwistjoni u kkontestat ir-responsabbilita` taghha bhala assiguratur tal-vettura IBJ-

---

[1] Ara "Certificate of Motor Insurance" mahrug ghall-perijodu 14 ta' Ottubru 2005 sa 30 ta' Settembru 2006, fol. 30 Dok. CSH11.

[2] Vide email datat 24 ta' April 2006 [fol. 25 *tergo*] mibghut mill-assiguraturi tat-terz danneggjat, u ittra lill-konvenut Camilleri mibghuta mis-socjeta` attrici fil-25 ta' April 2006 [Dok. CSH9]

[3] *"… **jiena kont <u>bighejt</u> lil certu Anthony Scicluna**, karta tal-identita` numru 354968(M) l-karrozza Toyota Platz, numru ta' registrazzjoni IBJ-358, **fid-9 ta' Marzu 2006**…"* [emfasi tal-Qorti]

358 ghall-finijiet tal-obbligu taghha li tindenniza lit-terz skont kif stipolat fil-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta;

- Illi permezz ta' *lodo* arbitrali moghti fl-20 ta' Marzu 2012 fl-imsemmija proceduri M1145/2007, gie deciz li t-terz danneggjat ghandu jigi rizarcit mis-socjeta` attrici bhala l-assiguratur tal-vettura IBJ-358 ghall-finijiet tal-obbligi ta' hlas taht l-imsemmi Kapitolu 104;
- Illi s-socjeta` attrici giet ghalhekk ikkundannata bis-sahha ta' dan il-*lodo* arbitrali, thallas id-danni sofferti mit-terz pju` spejjez u imghaxijiet kif ordnat u eventwalment, is-socjeta` attrici hallset l-ammont dovut.
- Illi s-socjeta` attrici interpellat lill-konvenuti jhallsuha s-somma ta' €8,592.38 rapprezentanti s-somma li giet kostretta thallas lil terzi bis-sahha tal-*lodo* arbitrali, pju` spejjez taghha fil-proceduri ta' arbitragg M1145/2007 u imghax, u dan permezz ta' ittra gudizzjarja spedita fit-13 ta' Gunju 2016 u notifikata lil entrambi l-konvenuti fl-20 ta' Gunju 2016.

Ikkunsidrat;

Illi s-socjeta` attrici tikkontendi li t-talba taghha ghall-hlas tas-somma reklamata f'din il-kawza, hija fondata fuq il-fatt illi l-assikurat taghha, il-konvenut Saviour Camilleri, mexa bi ksur il-polza tal-assikurazzjoni relattiva meta lahaq biegh il-vettura IBJ-358 lill-konvenut l-iehor Anthony Scicluna minghajr ma gharrafha skont kif kien fl-obbligu li jaghmel skont il-kundizzjonijiet pattwiti fil-polza tal-assikurazzjoni. B'hekk, tikkontendi illi hija kienet awtorizzata skont it-termini tal-polza, li ma taghtix kopertura assikurattiva lill-vettura IBJ-358 kwantu ghad-danni sofferti mit-terz bhala rizultat tal-incident awtomobilistiku li sehh fit-11 ta' Marzu 2006. Is-socjeta` attrici tissottometti illi ghalkemm hija kienet kostretta bhala l-assikuratur ikkoncernat taht il-polza ghall-finijiet tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta, li thallas lit-terzi danneggjati id-danni aggudikati lilhom permezz tal-*lodo* arbitrali datat 20 ta' Marzu 2012, ghandha d-dritt illi tesigi r-rifuzjoni ta' din is-somma minghand il-konvenuti.

Il-konvenuti da parti taghhom, jichdu illi kien hemm trasferiment tal-interess fil-vettura assikurata bi ksur tal-klawsola relattiva fil-polza tal-assikurazzjoni: isostnu illi fid-data tal-incident awtomobilistiku in kwistjoni, ghalkemm il-vettura kienet fil-pussess tal-konvenut Anthony Scicluna, din kienet ghadha tghajjat lill-assikurat Saviour Camilleri ghaliex it-trasferiment formali tal-vettura mal-awtoritajiet ma kienx ghadu sar. Jikkontendu ulterjorment illi fid-data tal-incident, il-polza kienet ghadha vigenti ghall-fini ta' kopertura assikurattiva tal-vettura IBJ-358 stante illi din baqghet ma gietx kancellata mis-socjeta` attrici.

Ikkunsidrat;

Il-Qorti tibda biex tosserva illi ma jirrizultax illi xi hadd mill-konvenuti jikkontesta r-relazzjoni guridika tieghu mas-socjeta` attrici. F'kull kaz, ir-rapport guridiku bejn iz-zewg konvenuti u s-socjeta` attrici ghall-fini tal-azzjoni odjerna ghar-rifuzjoni tal-ammont imhallas in adempjenza tal-obbligi legali tal-istess socjeta` attrici taht il-Kap. 104, diga` giet stabbilita permezz tas-sentenza parzjali moghtija fit-8 ta' Novembru 2018. Jigi ribadit illi filwaqt li l-assikurat Saviour Camilleri ghandu rapport kuntrattwali dirett u manifest mas-socjeta` attrici, kwantu ghall-konvenut Scicluna, ir-rapport guridiku mas-socjeta` attrici jinsab radikat fit-trasferiment lilu tal-vettura assigurata f'isem il-konvenut Camilleri bi ksur tal-kundizzjonijiet tal-polza ta' assigurazzjoni tal-istess vettura, liema trasferiment is-socjeta` attrici ssostni li jaghti lok ghal dritt ghar-radd lura tas-somma li giet kostretta thallas lit-terz danneggjat taht il-polza. Tant hu hekk, fir-Risposta minnu pprezentata flimkien mal-konvenut l-iehor, il-konvenut Anthony Scicluna jichad li kien hemm ksur tal-polza u jinvoka ulterjorment il-validita` tal-kopertura assigurattiva tal-vettura in kwistjoni.

In tema ta' assikurazzjoni, huwa principju assodat li r-responsabilita` ghar-risarciment ta' danni mhallsa mill-assikuratur ai termini tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta, ma hijiex relatata mar-responsabilità ghall-akkadut izda tali obbligu jitwieled minn inadempjenza kontrattwali da parti tal-assikurat. Fis-sentenza fl-ismijiet **Hugh P. Zammit noe v. John Mifsud et**[4], il-Qorti osservat illi l-obbligu tar-radd lura ta' ammonti mhallsa mill-assikurazzjoni lil terzi a tenur tal-Kap. 104 jitwieled minn inadempjenza kontrattwali tal-assikurat li jkun intrabat mal-assikuratur li jwettaq l-obbligi naxxenti mill-kondizzjonijiet tal-polza[5].

Fis-sentenza tal-kawza fl-ismijiet **Salvatore Sammut vs Middlsea Insurance p.l.c.** tal-14 ta' Mejju 2004, il-Qorti tal-Appell iddeskriviet polza ta' assikurazzjoni hekk:-

"*Polza t'assikurazzjoni tohloq relazzjoni bilaterali bejn il-kontraenti fejn, in konsiderazzjoni tal-hlas ta' premium mill-assikurat lis-socjeta` assikuratrici, dik l-istess socjeta` tintrabat li tindennizza lill-assikurat taghha fl-eventwalita` li dan isofri xi telf bhala rizultat ta' event dannuz kopert bl-istess polza ta' assikurazzjoni. L-element principali f'dan it-tip ta' kuntratt huwa r-riskju, liema riskju tassumieh is-socjeta` asskuratrici. F'dan is-sens, ghalhekk, dan huwa kuntratt bilaterali b'titolu oneruz in kwantu l-kontraenti jirregolaw l-obbligazzjonijiet ta' bejniethom billi l-hlas ta' premium da parti tal-assikurat tiskatta l-obbligazzjoni ta' indennizz da parti tas-socjeta` assikuratrici*".

Jirrizulta, fil-kaz in dizamina, illi s-socjeta` attrici saret taf bl-allegat ksur tal-obbligi kontrattwali tal-kopertura assigurattiva li fl-ahhar analizi, wassalha biex tistitwixxi din l-azzjoni, proprju minhabba l-incident awtomobilistiku li sehh fil-11 ta' Marzu 2006. Ma saritx taf b'dan l-allegat ksur ghaliex l-assikurat taghha rrapporta l-incident u rregistra *claim* ai termini tal-polza, izda ghaliex irceviet komunikazzjoni fir-rigward minghand is-socjeta` assikuratrici tat-terz danneggjat[6]. Fir-rigward, George Stagno Navarra xehed[7] illi hekk kif is-socjeta` attrici giet mgharrfa dwar l-incident awtomobilistiku tal-11 ta' Marzu 2006, "*fil-hamsa u ghoxrin ta' April elfejn u sitta konna bghatna l-klijent u*

[4] Deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-23 ta' Mejju 2001 u kkonfermata mill-Qorti ta' l-Appell fl-1 ta' April 2005.
[5] Ara wkoll: **GasanMamo Insurance Limited v. Mario Seguna et** – Prim'Awla tal-Qorti Civili, deciza 9.3.2016.
[6] Vide email a fol. 25, *tergo.*
[7] 21 ta' Frar 2018.

*cioe` ghal Saviour aka Sunny Camilleri ... u gharrafnieh li kien sehh incident ... Tlabnih sabiex jigi l-ufficcju kemm jista' jkun malajr u jgharrafna dwar dan l-incident*".

In segwitu ghal dan, l-assikurat tas-socjeta` attrici, il-konvenut Saviour Camilleri, issottometta dikjarazzjoni guramentata[8] fejn ikkonferma illi fid-9 ta' Marzu 2006, jumejn qabel l-incident, huwa kien **biegh** il-vettura Toyota Platz bin-numru ta' registrazzjoni IBJ-358 lil Anthony Scicluna u li din il-vettura nsterqet fil-11 ta' Marzu 2006.

Is-socjeta` attrici tikkontendi illi l-assikurat taghha mexa bi ksur tal-kundizzjonijiet tal-polza meta biegh il-vettura assikurata taht l-istess polza lill-konvenut Anthony Scicluna minghajr ma gharrafha b'dan it-trasferiment. Effettivament, jirrizulta illi l-konvenzjoni pattwita bejn is-socjeta` attrici u l-assikurat taghha, li abbazi taghha nharget il-polza, timponi espressament fuq l-assikurat l-obbligu li jgharraf lis-socjeta` attrici jekk il-vettura assikurata tkun tappartjeni lil haddiehor, jew **jekk fil-perijodu ta' validita` tal-polza, il-vettura tigi effettivament mibjugha jew altrimenti trasferita lil terzi**, jew inkella tintuza regolarment minn haddiehor[9]. Din il-kundizzjoni hija fost dawk il-kundizzjonijiet tal-polza li dwarhom il-partijiet kontraenti ftiehmu espressament hekk:-

"*You must comply with the following conditions to have full protection of your policy. If you do not comply with them, we may, at our option, cancel the policy or refuse to pay your claim or reduce the amount of any claim payment.*"

Is-socjeta` attrici invokat ukoll il-klawsola specifika tal-polza, imsejha "*Contract of Sale*"[10]. Din tistipola:-

---

[8] Datata 9 ta' Awwissu 2006.

[9] Klawsola 11 taht is-sezzjoni intestata "Conditions", pagna 19 tal-polza.

[10] Pagna 13 tal-polza, Dok. CSH12.

"*We shall not be liable to pay any claim in respect of the motor vehicle in relation to which you have entered into any transaction by way of contract of sale or purported contract of sale or the transfer of your interest in the said motor vehicle, whether such transaction constitutes a valid contract of sale of such motor vehicle.*"

Il-konvenuti, filwaqt li ma jichdux illi fid-data tal-incident il-vettura kienet fil-pussess tal-konvenut Anthony Scicluna, jikkontendu illi effettivament ma kien hemm ebda ksur tal-polza ghaliex fil-11 ta' Marzu 2006 it-trasferiment tal-vettura ma kienx ghadu registrat mal-awtoritajiet tat-trasport u konsegwentement, il-vettura kienet ghadha registrata f'isem is-sid, cioe` l-assikurat Saviour Camilleri. Mill-provi jirrizulta illi effettivament, it-trasferiment formali tal-vettura giet registrata mal-Awtorita` ta' Malta dwar it-Trasport fis-6 ta' April 2006[11].

Izda l-Qorti ma taqbilx ma' din it-tezi tal-konvenuti. Qabel xejn tqis li l-kliem tal-klawsola tal-polza msejha « *Contract of Sale* » fuq citata, li fuqha jinsab imsejjes il-jedd pretiz mis-socjeta` attrici fil-kaz in dizamina, huwa car u ma hemmx lok ghal ebda interpretazzjoni. L-attivita` milquta mill-klawsola in kwistjoni li jekk issehh, tawtorizza lill-assikuratrici tevita l-obbligu taghha biex tipprovdi kopertura assikurattiva lill-vettura u ma tindennizzax lill-assikurat kontra l-obbligu tal-hlas tad-danni sofferti mit-terz, giet imfissra f'termini wiesa' u evidentement m'hijiex limitata ghal trasferiment tal-vettura li jigi registrat **formalment** mal-awtoritajiet: ghall-kuntrarju, il-klawsola hija evidentement redatta biex tolqot kwalsiasi trasferiment tal-interess tal-assikurat fil-vettura.

Fi kwalsiasi kaz, huwa risaput li r-registrazzjoni formali tat-trasferiment tal-vettura mal-awtoritajiet hija mehtiega biex it-trasferiment jipproduci effetti fil-konfront ta' terzi persuni izda zgur mhux ghall-fini tar-relazzjonijiet bejn il-partijiet involuti fil-bejgh u lanqas ghall-fini tad-determinazzjoni jekk kienx sar

[11] Ara Dok. KC1, fol. 91.

trasferiment tax-xorta kif prospettat fil-kuntratt konkluz bejn is-socjeta` attrici u l-assikurat taghha[12].

Fil-fehma tal-Qorti, din l-attivita` hija riskontrabbli fil-kaz in dizamina ghaliex mill-provi jirrizulta li l-**ftehim tal-bejgh tal-vettura kien diga` gie konkluz fid-9 ta' Marzu 2006 tant illi dakinhar il-konvenuti jaqblu li mhux biss thallas depozitu fis-somma ta' €1,000 fuq il-bejgh, izda l-pussess tal-vettura wkoll kien lahaq ghadda ghand il-konvenut Anthony Scicluna**. Ghall-Qorti, dan ifisser illi qabel id-data tal-incident, l-assikurat tas-socjeta` attrici kien diga` lahaq ittrasferixxa lil terzi l-interess tieghu fil-vettura kif mahsub fil-*contract of sale* clause u konsegwentement, kien inadempjenti fl-obbligi kuntrattwali taht il-polza. **Il-hlas tal-bilanc tal-prezz kif ukoll ir-registrazzjoni formali tal-bejgh m'humiex, fil-fehma taghha, fatturi determinanti sabiex jigu ravvizati l-elementi tat-trasferiment tax-xorta li huwa kolpit bil-klawsola in dizamina**.

Wara kollox, kif stipolat fl-Artikolu 1347 tal-Kodici Civili, il-bejgh « *hu perfett bejn il-partijiet, u, kwantu għall-bejjiegħ, il-proprjetà tal-ħaġa tgħaddi għand ix-xerrej, malli jsir il-ftehim fuq il-ħaġa u fuq il-prezz, għalkemm il-ħaġa tkun għad maġietx ikkunsinnata u lanqas ma jkun għad tħallas il-prezz* ». *Multo magis* f'dan il-kaz fejn kif rajna, mhux talli sar il-ftehim dwar il-bejgh (affermat ukoll mill-konvenut Anthony Scicluna fix-xhieda tieghu[13]), talli l-vettura giet ikkunsinnata lix-xerrej qabel effettivament giet involuta fl-incident li skaturixxa l-obbligi tal-assikuratur taht il-polza tal-assigurazzjoni.

---

[12] Il-Qorti hawnhekk tosserva illi meta s-socjeta` attrici saret taf bit-trasferiment tal-vettura u l-ksur tal-kundizzjonijiet tal-polza, cioe` meta rceviet komunikazzjoni permezz ta' email datat 21 ta' April 2006 minghand l-assikuratur tat-terz danneggjat, it-trasferiment tal-vettura IBJ-358 kien diga` gie registrat formalment mal-Awtorita` ta' Malta dwar it-TrasportIr-registrazzjoni tat-trasferiment saret fis-6 ta' April 2006 – ara xhieda Karin Cremona, Dok. KC1.

[13] Affidavit ta' Anthony Scicluna, Dok. AS, fol. 96.

Dan kollu jinsab ulterjorment affermat mid-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut Saviour Camilleri li kif rajna, stqarr li jumejn **qabel** l-incident, huwa kien **biegh** il-vettura IBJ-358 lill-konvenut l-iehor fid-9 ta' Marzu 2006, kif ukoll mill-fatt illi kien il-konvenut Anthony Scicluna nnifsu li kien effettivament irrapporta s-serq tal-vettura lill-Pulizija. L-okkorrenza relattiva tirrapporta hekk:-

"*Today the compl. came to the station and reported that whilst **his vehicle** was parked in the mentioned street, unknown person/s stole **his vehicle**. ... It was also established that the vehicle is on the victim* [sic.] ***but the same vehicle is of the compl.***"[14]

F'dan il-kwadru ta' fatti, il-Qorti tqis illi r-registrazzjoni formali tat-trasferiment mal-awtoritajiet u l-fatt li l-assikurat seta' kien ghadu qed iqis ruhu bhala s-sid tal-vettura, huma fatturi kompletament irrelevanti, anke ghaliex kjarament, «[a] *purported contract of sale or the transfer of your interest in the said motor vehicle…"* huwa bizzejjed biex jiskatta l-jedd konvenzjonali invokat mis-socjeta` attrici in sostenn tat-talba taghha f'din il-kawza.

Konformement, il-Qorti ma ghandha l-ebda diffikolta` tikkonkludi illi t-trasferiment tal-vettura mill-konvenut Saviour Camilleri lill-konvenut l-iehor waqt li l-polza tal-assigurazzjoni kienet fis-sehh u minghajr ma gharraf bl-istess lis-socjeta` attrici fi zmien utili biex tirratifika l-polza favur il-possessur il-gdid tal-vettura assikurata, ifisser illi s-socjeta` attrici kellha d-dritt taghzel li tirrifjuta tindenniza lill-assikurat taghha taht il-polza ghad-danni kkagonati lit-terz fl-incident awtomobilistiku tal-11 ta' Marzu 2006. Ghalkemm bhala l-assikuratur awtorizzat ghall-fini tal-Kap. 104, ma setghetx tevita l-obbligu taghha tal-hlas *vis-à-vis* it-terz danneggjat, il-Qorti tqis illi **s-socjeta` attrici hija gustifikata tagixxi ghar-rifuzjoni tal-ammont imhallas taht il-polza lit-terz galadarba huwa stabbilit li kien hemm trasferiment tal-vettura**

[14] Rapport tal-okkorrenza: Dok. CSH7, fol. 23 u 24. Emfasi tal-Qorti.

**ravvizat fil-polza liema trasferiment sar bi ksur tal-kundizzjonijiet pattwiti ghall-hrug tal-polza u dan irrispettivament mill-pregudizzju o meno li setghet issofri bhala konsegwenza ta' dan il-ksur. *Pacta sunt servanda.***

Il-fatt illi l-polza ma gietx ikkancellata huwa wkoll immaterjali ghad-determinazzjoni ta' din il-vertenza ghaiex kif rajna, f'kaz ta' ksur tal-kundizzjonijiet tal-hrug tal-polza, is-socjeta` attrici rizervat lilha nnifisha d-diskrezzjoni tal-ghazla bejn kancellament tal-polza jew ir-rimedji ohrajn espressament pattwiti. Evidentement, fil-kaz in dizamina, is-socjeta` attrici ma prevalixxietx ruhha mid-dritt li tikkancella l-polza billi tipprocedi skont id-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 10(2)(c) u 14 tal-Kap. 104, izda ghazlet li ma tindennizzax lill-assikurat taghha kontra d-danni naxxenti mill-incident li kienet involuta fiha l-vettura IBJ-358 fil-11 ta' Marzu 2006 meta, kif stabbilit, l-istess vettura kienet diga` giet trasferita lill-konvenut Anthony Scicluna minghajr ma saret ebda ratifika tal-polza mill-assikuratur.

Maghmulin dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti hija tal-fehma illi stabbilit li kien sehh trasferiment tal-vettura assikurata qabel id-data tal-incident li skaturixxa l-obbligu ta' kopertura assikurattiva taht il-polza, u stabbilit ukoll illi l-assikurat Saviour Camilleri mexa bi ksur tal-kundizzjonijiet pattwiti fl-istess polza senjatament il-kundizzjoni bin-numru 11 tal-polza, is-socjeta` attrici setghet legittimament tirrifjuta li tindennizza lill-assikurat taghha taht il-polza kwantu ghad-danni mhallsin lit-terz minhabba l-incident awtomobilistiku li sehh fil-11 ta' Marzu 2006 u li fih kienet involuta l-vettura minnha assikurata. Dan ifisser illi ghalkemm ma setghetx legalment tevita l-obbligu taghha ta' hlas lit-terz danneggjat, nonche` wara li giet ikkundannata ghall-hlas bis-sahha tal-*lodo* arbitrali tal-20 ta' Marzu 2012, **is-socjeta` attrici ghandha jedd ghal rifuzjoni minghand l-assikurat taghha, tal-ammont li giet kostretta thallas lit-terz in linea ta' danni sofferti bhala rizultat tal-incident awtomobilistiku tal-11 ta' Marzu 2006**.

Ikkunsidrat;

Minn ezami tal-atti tal-proceduri tal-arbitragg bin-numru M1145/2007, jirrizulta illi s-socjeta` attrici, gia` intimata, giet ikkundannata thallas lis-socjeta` rikorrenti Middlesea Insurance plc, danni fis-somma ta' €6,413.66 kif ukoll l-ispejjez inkorsi mill-istess rikorrenti fil-proceduri tal-arbitragg[15]. Il-*lodo* arbitrali tal-20 ta' Marzu 2012 iddecieda illi l-imghax huwa dovut "*sad-data tal-pagament effettiv.*"

Kwantu ghas-somma ta' €8,592.38 reklamata mis-socjeta` attrici f'din il-kawza, minn ezami tal-atti[16] jirrizulta illi din tikkonsisti f'danni likwidati fis-somma ta' €6,413.66 li hija giet ikkundannata thallas lis-socjeta` Middlesea Insurance plc, pju` spejjez intaxxati fis-somma ta' €1,555.73 u V.A.T. fis-somma ta' €53.67[17] - total ta' €8,023.06. Kwantu ghall-imghax fis-somma ta' €569.32, ukoll imhallas mis-socjeta` attrici, jirrizulta minn Dok. RM3[18] li dan **l-imghax gie komputat ghall-perijodu bejn l-20 ta' Marzu 2012 (id-data tal-*lodo* arbitrali) u d-29 ta' April 2013**. Din id-data tal-ahhar presumibbilment tirrapprezenta d-data tal-hlas lis-socjeta` Middle Sea Insurance plc[19], li jfisser illi **s-socjeta` attrici damet iktar minn sena biex thallas lis-socjeta` Middle Sea Insurance plc is-sorte u l-ispejjez aggudikati lilha, bil-konsegwenza li kellha thallas ukoll l-imghax kollu dekorrut matul dan il-perijodu**.

Ghalkemm dan ma giex specifikatament kontestat mill-konvenuti, il-Qorti ma taqbilx illi s-socjeta` attrici ghandha l-jedd ghar-rifuzjoni tal-ammont rapprezentanti l-imghax kollu dekorrut fuq is-*sorte* hija hallset lill-kreditur

[15] Skont it-taxxa tal-ispejjez mahruga mic-Centru Malti tal-Arbitragg.
[16] Ara *inter alia* Dok. RM3.
[17] Fuq id-dritt tal-avukat skont taxxa tal-ispejjez mahruga mic-Centru Malti tal-Artbitragg.
[18] Fol. 75.
[19] Ta' min jinnota illi ghalkemm ma ngabitx prova tad-data preciza meta gie effettwat dan il-pagament **mhuwiex kontestat mill-konvenuti** illi effettivament is-socjeta` attrici hallset l-ammont ta' €8,592.38 lis-socjeta` Middlesea Insurance plc.

taghha **iktar minn sena wara li dan l-ammont kien dovut u esigibbli**. Altrimenti, ikun ifisser li l-*quantum* tal-obbligu ta' rifuzjoni jkun jiddependi mir-rieda tas-socjeta` attrici, cioe` skont kemm taghzel hija stess li ddum ma tonora l-obbligi taghha, bir-rizultat illi l-konvenuti jkunu obbligati jerfghu u jaghmlu tajjeb ghall-effetti tad-dewmien tas-socjeta` attrici fit-twettiq tal-obbligazzjoni taghha tal-hlas lil terzi.

Il-Qorti hi tal-fehma illi galadarba s-socjeta` attrici, f'dan il-kaz, kellha l-jedd li taghzel li ma tindennizzax lill-assikurat taghha kontra d-danni sofferti mit-terz fl-incident tal-11 ta' Marzu 2006, l-assikurat huwa obbligat li jrodd lura limitatament dawk **id-danni kkagonati bhala rizultat ta' dak l-incident u l-imghax li jkun iddekorra waqt il-procedimenti li jwasslu ghad-decizjoni finali dwar ir-responsabbilita` ghall-incident**, liema imghax izda, ma jirrizultax li gie aggudikat jew imhallas. Dan ghaliex l-imghax dekorrut sussegwentement ghall-aggudikazzjoni tar-responsabbilita` ghall-incident awtomobilistiku u l-likwidazzjoni tad-danni sofferti bhala rizultat tal-imsemmi incident, ikun dovut mhux bhala konsegewenza tal-incident awtomobilistiku izda minhabba d-dewmien fil-hlas ta' dawk id-danni aggudikati. **Billi dan id-dewmien huwa attribwibbli lis-socjeta` attrici u mhux lill-konvenuti, l-imghax imhallas ghad-dewmien wara l-procediment, ma jistax jitqies bhala danni sofferti mit-terz bhala rizultat tal-incident awtomobilistiku** u kwindi soggetti ghall-kopertura assikurattiva, izda danni sofferti minhabba d-dewmien tas-socjeta` attrici nnifisha fit-twettiq tal-obbligu taghha ghall-hlas lit-terz.

Ghaldaqstant hija l-fehma tal-Qorti li l-assikuratur m'ghandux jedd jirkupra minghand l-assikurat tieghu dak l-imghax li jkun iddekorra wara l-procediment minhabba dewmien fil-hlas, izda jista' jirkupra biss dak l-imghax li jkun iddekorra sad-decizjoni finali tal-procediment ghad-determinazzjoni tar-responsabbilita` (jekk dak l-imghax ikun effettivament gie aggudikat li huwa dovut lill-parti offiza). Din il-fehma hija rinforzata ulterjorment b'dak li

jipprovdi l-Artikolu 15 tal-Kap. 104 fis-subartikoli (4) u (5), fejn jinsab stipolat li f'dawk il-kazijiet fejn l-assikuratur awtorizzat ikollu dritt li jirkupra spejjez u imghax minghand l-assikurat li ma jkunx qabel li jsir il-hlas tat-talba ghad-danni mit-terz danneggjat, "*l-assiguratur awtorizzat ikollu biss jedd jirkupra dawk l-ispejjeż u mgħax li jintefqu waqt il-proċedimenti li jwasslu għas-sentenza finali u dan fi proporzjon għar-responsabbiltà tal-persuna assigurata skont ma jiġi stabbilit mis-sentenza finali*."

F'kull kaz, anke fin-nuqqas tas-socjeta` attrici li tiggustifika dan id-dewmien fil-hlas tas-sorte, il-Qorti ma tqisx illi hlas li jsir 'il fuq minn sena ghall-hlas ta' somma li kienet certa, liwkida u dovuta f'Marzu 2012, huwa hlas li sar tempestivament u fi zmien ragjonevoli. Barra minn hekk is-socjeta` attrici, bhala l-parti li qed tirreklama r-rifuzjoni tal-hlas li ghamlet lil terzi, kellha l-obbligu li taghmel dak li ragjonevolment kien mehtieg biex timminimizza d-danni. Dan konformement mal-principju generali in tema:-

"*It is the duty of the plaintiff to take all reasonable steps to mitigate the loss he has sustained consequent upon the wrongful act in respect of which he sues; and **he cannot claim as damages any sum which is due to his own neglect**, but he is under no obligation to injure his character, his business or his property to reduce the damage payable by the wrong doer.*"[20]

*Multo magis* meta jigi osservat illi s-socjeta` attrici ghamlitha car sa mill-incezzjoni tal-proceduri tal-arbitragg illi l-pozizzjoni taghha hi li ccahhad lill-vettura IBJ-358 minn kopertura assikurattiva taht il-polza tal-assikurazzjoni, kif ukoll meta l-*lodo* arbitrali nnifsu rrikonoxxa espressament id-dritt tal-istess socjeta` attrici hemmhekk intimata, li tagixxi kontra l-assikurat taghha u kontra Anthony Scicluna *si et quatenus*.

[20] *Halsbury* citat mill-Qorti tal-Appell [Inf.] fis-sentenza fl-ismijiet **John Xuereb v. James Edward Livick et** - deciza 3 ta' Novembru 1956. Emfasi ta' din il-Qorti.

Ghaldaqstant, il-Qorti tqis illi t-talba tas-socjeta` attrici ghar-rifuzjoni tal-imghax[21] imhallas fuq is-sorte bhala konsegwenza tan-nuqqas taghha stess, ma tistax tigi akkolta.

Ikkunsidrat;

Illi huwa minnu li s-socjeta` attrici ghandha dritt ghall-hlas tal-imghax, izda l-imghax li huwa dovut mill-konvenuti jew min minnhom jista' jkun biss dak l-imghax li jiddekorri fuq is-somma li ghandha tintradd lura lis-socjeta` attrici rapprezentanti d-danni – fosthom l-ispejjez u imghax tal-proceduriment - li jigu mhallsin lit-terz, kalkolat mid-data tal-ewwel sejha ghar-rifuzjoni tal-hlas permezz ta' att gudizzjarju notifikat lid-debitur. F'dan il-kaz, l-ewwel interpellazzjoni gudizzjarja lill-konvenuti ghall-hlas ta' somma determinata, sehhet permezz tal-ittra gudizzjarja tat-13 ta' Gunju 2016[22], debitament notifikata liz-zewg konvenuti fl-20 ta' Gunju 2016. B'din l-ittra ufficjali, is-socjeta` attrici filwaqt li ghamlet referenza ghall-allegat ksur tal-polza u l-*lodo* arbitrali li kkundannaha thallas lit-terz danneggjat, sejhitilhom biex ihallsu s-somma ta' €8,592.38 reklamata f'din il-kawza.

Ikkunsidrat;

Illi kwantu ghar-responsabbilita` ghall-hlas, il-Qorti tosserva illi l-konvenut Anthony Scicluna mkien ma kkontesta b'mod specifiku l-fatt illi t-talba attrici giet diretta fil-konfront tieghu, u ma ressaq l-ebda eccezzjoni li l-hlas reklamat m'huwiex dovut minnu. Izda fil-hames paragrafu tar-Risposta li huwa pprezenta konguntivament mal-konvenut l-iehor Saviour Camilleri, eccepixxa, b'mod generali, illi t-talbiet attrici huma infondati fid-dritt u ghandhom jigu michuda.

---

[21] Fis-somma ta' €569.32.

[22] Vide ittra ufficjali a fol. 33 *et seq*.

Il-Qorti bla tlaqliq tghid illi fi proceduri quddiemha, bhala l-Qorti tal-Magistrati (Malta), il-htigjiet ta' formalizmu zejjed fil-procedura ma ghandhomx post u m'humiex kompatibbli mar-*ratio legis* tal-proceduri kif imfisser fl-Artikolu 215 tal-Kap. 12[23]. Barra minn hekk, tqis illi bhala qorti li ghandha tmexxi l-proeduri quddiemha sommarjament[24] u fejn l-atti li jigu pprezentati quddiemha m'humiex regolati bil-htigijiet procedurali mfissrin fit-Titolu II[25], hija ghandha s-setgha li tiddeciedi dwar fatti li, ghad ma jkunux imfissrin specfikatament bhala eccezzjoni fir-Risposta pprezentata mill-konvenut, huma riskontrabbli fil-parametri tal-kontestazzjoni kif imfissra fl-istess Risposta u jirrizultaw ippruvati mis-smigh tal-kawza. Wara kollox, l-Artikolu 213 tal-Kap. 12 taghtiha s-setgha li fuq l-istess rikors, tiddeciedi fuq jedd iehor li jista' jigi ppruvat mis-smigh tal-provi, ghalkemm dan il-jedd ma jidholx sewwa fit-talba originali kif imfissra fir-Rikors, *multo magis* ghalhekk tista' tiddeciedi b'mod li jinkwadra fil-parametri ta' xi difiza invokata mill-konvenut, ghad mhux b'mod specifiku.

Dan premess, il-Qorti tqis illi r-rabta kontrattwali li tikkostitwixxi l-fondament tat-talba attrici ghar-rifuzjoni tal-ammont li hallset lil terzi bhala assikuratur tal-vettura IBJ-358, tezisti esklussivament mal-konvenut Saviour Camilleri li hu biss ikkontratta mas-socjeta` attrici t-termini u kundizzjonijiet li abbazi taghhom inharget il-polza, fosthom l-obbligi f'kaz ta' trasferiment tal-vettura assikurata. Dawk l-obbligi kienu inkombenti fuqu biss u mhux fuq terzi. Wara kollox, l-obbligu legali tas-socjeta` attrici li thallas lit-terz danneggjat jezisti minhabba l-polza tal-assikurazzjoni li hija kontrattat mal-assikurat taghha Saviour Camilleri u huwa proprju minhabba dik il-polza li kellha taghmel tajjeb ghad-danni li llum qieghda tfittex tirkupra minghand il-konvenuti. It-trasferiment o meno tal-vettura assikurata lill-konvenut Anthony Scicluna huwa

---

[23] Il-qrati msemmijin fl-artikolu 213 għandhom imexxu sommarjament u bl-akbar ħeffa li tkun kompatibbli mal-amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja, u għandhom iħarsu id-dispożizzjonijiet ta' dan it-Titolu, sa fejn dawn id-dispożizzjonijietjistgħu joqogħdu mal-mod li bih għandu jitmexxa fil-qrati hawn fuqimsemmija bħal ma jingħad hawn fuq.

[24] Artikolu 171 tal-Kap. 12.

[25] Taqsima I, It-Tieni Ktieb.

irrelevanti ghall-fini tat-twettiq tal-obbligu legali tal-hlas lit-terz a tenur tal-Artikolu 4(1) u 10[26] tal-Kapitolu 104. Dan it-trasferiment huwa fattur materjali biss ghall-fini tad-determinazzjoni tal-obbligi u jeddijiet naxxenti mill-polza tal-assigurazzjoni, fosthom il-jedd invokat mis-socjeta` attrici li ma tindennizzax lill-assikurat taghha kontra d-danni subiti minn terzi fl-incident awtomobilistiku tal-11 ta' Marzu 2006.

Min-naha l-ohra, il-konvenut Anthony Scicluna, minkejja li kien fil-pussess tal-vettura fid-data tal-incident awtomobilistiku, ma kellu l-ebda obbligi kuntrattwali *vis-à-vis* is-socjeta` attrici u ghalhekk m'huwiex id-debitur taghha kwantu ghar-radd lura tad-danni mhallsin lil terzi minhabba u taht il-polza tal-assikurazzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti tqis illi d-debitur tas-socjeta` attrici kwantu ghall-obbigu tal- rifuzjoni tal-hlas maghmul lit-terz ghall-finijiet tal-imsemmija dispozizzjonijiet tal-Kap. 104 - galadarbda dan l-obbligu skatta proprju minhabba r-rabta kontrattwali mal-konvenut Saviour Camilleri u l-inadempjenza tieghu mal-obbligi tal-polza – huwa biss l-istess konvenut Saviour Camilleri u mhux il-konvenut Anthony Camilleri li mieghu ma kellha l-ebda rabta.

## <u>Decide</u>

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi li filwaqt illi tilqa' l-hames eccezzjoni kwantu biss ghall-konvenut Anthony Scicluna u tichad it-talba attrici fil-konfront tal-istess konvenut, u filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha l-ohra tal-konvenuti s'issa mhux decizi, tilqa' limitatament it-talba tas-socjeta` attrici u tikkundanna lill-konvenut Saviour Camilleri jhallas**

[26] Ara wkoll Art. 9A.

**lill-istess socjeta` attrici s-somma ta' tmint elef u tlieta u ghoxrin Ewro u sitt centezmi (€8,023.06) ghar-ragunijiet imfissrin fir-Rikors promotur, bl-imghax mit-13 ta' Gunju 2016.**

**L-ispejjez kif mitluba jithallsu mill-konvenut Saviour Camilleri.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**

**MAGISTRAT.**

**Dr Graziella Attard**
**Deputat Registratur**